32006R1784

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1784/2006

ta' l-4 ta' Diċembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu ta' aġenti ta' l-ipproċessar

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff ta' l-ożonu [1], u b'mod partikolari t-tielet sentenza tas-sittax-il inċiż ta' l-Artikolu 2 tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza li therri s-saff ta' l-ożonu, il-*carbon tetrachloride* (CTC) (tetraklorur tal-karbonju) hija elenkata bħala sustanza kkontrollata fi Grupp IV ta' l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 u għalhekk skond dan ir-Regolament japplikaw ir-restrizzjonijiet fuq l-użu tagħha.

(2) Wara li qiesu informazzjoni ġdida u żviluppi tekniċi rrappurtati mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Aġenti tal-Proċess tal-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jherru s-saff ta' l-ożonu fir-rapport ta' progress tagħhom ta' Ottubru 2004 [2], il-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal adottaw id-Deċiżjoni XVII/7 [3] fis-Sbatax-il Laqgħa tagħhom f'Diċembru 2005. Aktar speċifikament, id-Deċiżjoni XVII/7 iżżid is-CTC mat-tabella riveduta A għad-Deċiżjoni X/14 bħala l-aġent ta' l-ipproċessar għall-produzzjoni għas-*cyancobalamin* radjuttikkettat, li huwa droga medika wżata għad-dijanjożi ta' kważi probabbli ta' defiċjenza ta' vitamina B_{12}.

(3) Bħalissa, l-użu tal-CTC bħala aġent ta' l-ipproċessar għall-produzzjoni tas-*cyancobalamin* radjuttikkettat huwa pprojbit fil-Komunità skond ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000. Sabiex ikun permess dan l-użu partikolari, skond id-Deċiżjoni msemmija fuq u maqbula dan l-aħħar skond il-Protokoll ta' Montreal, l-Anness VI ta' dan ir-Regolament għandu jiġi emendat.

(4) [Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu mal-fehma tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2037/2000,].

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VI għar-Regolament (KE) Nru 2037/2000 huwa sostitwit mill-Anness għal dan ir-Regolament

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 4 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Stavros DIMAS
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1366/2006 (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 12).

[2] Rapport tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Aġenti tal-Proċess, Ottubru 2004, p.17 (http://hq.unep.org/ozone/teap/Reports/PATF/PATF_Report2004.pdf).

[3] Is-Sbatax-il Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Montreal fl-2005, id-Deċiżjoni X/7 Lista ta' użi ta' sustanzi kkontrollati bħala ġenti tal-proċess (http://hq.unep.org/ozone/Meeting_Documents/mop/17mop/17mop-11.e.pdf).

ANNESS

"ANNESS VI

Proċessi li fihom sustanzi kkontrollati jintużaw bħala aġenti ta' l-ipproċessar kif hemm referenza għalihom fis-sittax-il inċiż ta' l-Artikolu 2

(a) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju għall-eliminazzjoni tat-triklorur tan-nitroġenu fil-produzzjoni tal-klorin u s-soda kawstika.

(b) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fl-irkupru tal-klorin fil-gassijiet (*tail gas*) li jiġu mill-produzzjoni tal-klorin;

(c) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-manifattura tal-gomma klorinata;

(d) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-manifattura ta' l-aċetofenun ta' l-isobutil (ibruprofen-analġeżiku);

(e) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-manifattura tal-poli-fenilin-tereftalamid;

(f) l-użu tat-tetraklorur tal-karbonju fil-produzzjoni tas-*cyanocobalamin* radjuttikkettat;

(g) l-użu tas-CFC-11 fil-manifattura tal-folja fina tal-fibra sintetika tal-polyolefin;

(h) l-użu ta' CFC-12 fis-sinteżi fotokimika tal-*perfluoropolyetherpolyperoxide*, prekursuri taż-*Z-perfluoropolyethers* u derivati difunzjonali;

(i) l-użu ta' CFC-113 fir-riduzzjoni ta' *perfluoropolyetherpolyperoxide* intermedju għall-produzzjoni ta' *perfluoropolyether diesters*;

(j) l-użu ta' CFC-113 fit-tħejjija ta' *perfluoropolyether diols* b'funzjonalità għolja;

(k) l-użu ta' tetraklorur tal-karbonju fil-produzzjoni tas-Cyclodime;

(l) l-użu ta' HCFCs fil-proċessi mniżżla fil-punti (a) sa (j) meta jkunu użati biex jieħdu post is-CFC jew it-tetraklorur tal-karbonju."